TA' L-ISTILLA

Leħen il-Każin Banda San Filep A.D 1851

Ħarġa 1

Kumment Editorjali ...

MERĦBA

Din hija l-ewwel ħarġa ta' dan il-fuljett "**Ta' l-Istilla**". Il-ħsieb tagħna hu li nibdew inwassluhulkom tliet darbiet fis-sena. B'hekk noħolqu rabta akbar bejn it-tmexxija tas-soċjetà, is-soċi u ż-Żebbuġin billi nżommukom infurmati aħjar bl-attivitajiet li jkunu qed jiġu organizzati u nħeġġukom tipparteċipaw fihom flimkien magħna.

Napprezzaw ħafna s-suġġerimenti, kummenti u l-kritika tagħkom. Niddedikaw dan il-fuljett lil bosta voluntieri li jaħdmu bla ħlas tul is-sena biex jaraw il-festa u l-Każin ta' San Filep ikomplu jimxu dejjem 'il quddiem.

TA' L-ISTILLA

Kull korrispondenza għandha tintbagħat

Ta' l-Istilla
Każin Banda San Filep
12, Misraħ San Filep,
Ħaż-Żebbuġ - ZBG 02

Tel: 21463003 - 21464174

website:

www.bandasanfilep.com.mt

Ġita fi Sqallija ...

Żjara fl-Ibliet ta' San Filep

Bejn it-12 u l-14 t'Awissu grupp sabiħ ta' membri tal-Każin San Filep immexxija minn Dr. Godfrey Farrugia (President), Tarcisio Mifsud (Segretarju), Josef Cachia u Fr. Alfred Agius żaru Agira u ppartecipaw fil-festa ta' San Filep.

Il-grupp żar ukoll AciReale, Catania, Taormina u l-Etna. Waqt din iż-żjara f'Agira, il-grupp kien milqugħ mis-Sindku fil-Comune t'Agira kif ukoll mill-Abbate ta' l-Abbazija ta' San Filep .

Barra minn hekk il-grupp żar ukoll Aci San Filippo post ieħor li jqim lil San Filep u jorganizza festa mill-isbaħ. Waqt din il-laqgħa sabiħa mal-Kappillan u s-Sindku tal-post, il-ġitanti tal-Każin San Filep kellhom ukoll l-opportunità li japprezzaw il-ġmiel artistiku ta' l-istatwa ta' San Filep li hija mżejna b'ħaġar prezzjuż u fidda (*ritratt xellug taħt*). Din kienet xi ħaġa unika peress li tul is-sena din l-istatwa tinsatar f'niċċa. Saret ukoll stedina uffiċjali lill-Għaqda għall-festa li jmiss.

Servizzi tal-banda ...

Matul is-sajf il-Banda San Filep kellha erba' servizzi barra mir-raħal - Ħal Qormi San Bastjan fis-17 ta' Lulju, iż-Żurrieq f'tal-Karmnu fit- 23 ta'Lulju, Tas-Sliema, Stella Maris fil-21 ta' Awissu u l-Għargħur San Bert fil-25 ta' Awissu. Barra minn hekk tat is-sehem tagħha fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ kif ilha tagħmel għal snin twal.

Fid-19 ta' Novembru, il-banda se ttella' programm mużikali speċjali bħala parti mill-kommemorazzjoni tal-50 sena mill-bini mill-ġdid tal-każin fl-1955.

Skola tal-Mużika

L-iskola tal-mużika tal-Banda San Filep toffri tagħlim fil-mużika bla ħlas. L-għalliema huma Mro. Richard Bugeja FLCM u l-assistent tiegħu Mro. Manwel Fenech.

It-tagħlim isir kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa bejn l-16.00 u s-18.00. Dawk li jixtiequ jibdew jitgħallmu l-mużika għandhom ikellmu lil xi membru tal-kumitat jew jiġu l-każin fil-jiem u l-ħinijiet imsemmija.

Statut Ġdid

Il-Kumitat Ġenerali u s-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà bħalissa qed jirrevedu l-istatut ta' l-Għaqda Każin Banda San Filep. Dan għandu jitressaq għall-approvazzjoni tas-soċi fil-**Laqgħa Ġenerali** ta' l-4 ta' Diċembru 2005. Kull suġġeriment jiġi kkunsidrat – iktbu lis-Segretarju s-Sur Tarcisio Mifsud.

Stedina lis-Soci

Kommemorazzjoni ta' l-ewwel tkabbir tal-Każin Banda San Filep fl-1955.

Serata Mużikali u diskorsi ta' l-okkażjoni
Fi Triq Sciortino
Nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2005
fis-7.00p.m.

Sajf ta' attivitajiet

Din is-sena reġa' kellna sajf ieħor ta' attivitajiet. Matul is-sajf reġgħu kienu suċċess kbir id-diversi *barbecues* organizzati fil-kamra tan-nar. Kienet ukoll organizzata l-mawra għal Kemmuna u l-Lejla Maltija. It-*team* tal-*football* tal-każin ħa sehem ukoll fil-*leauge* tas-sajf organizzat miż-Żebbuġ Rangers F.C.

* **Ħarġa għal Kemmuna** organizzata miż-żgħażagħ nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2005 ġibdet għadd sabiħ tant li marru żewġ *coaches* mimlijin. Kienet tinkludi dawra fuq id-dgħajjes, għawm fil-*Blue Lagoon*, *barbecue* u *disco*

* **Lejla Maltija** - Din is-serata ta' ikel Malti u divertiment reġgħet ġiet organizzata fi Triq Sciortino miż-żgħażagħ nhar il-Ġimgħa 16 ta' Settembru. Din saret attività ferm mistennija.

Arkivju dwar Ħaż-Żebbuġ

Il-każin qed ikabbar l-arkivju ta' materjal stampat u ritratti b'konnessjoni ma' San Filep u Ħaż-Żebbuġ.

Għalhekk qed nappellaw lil min għandu ritratti antiki jew materjal ieħor biex jekk jogħġbu, jislifulna ħa nagħmlu kopja tiegħu u nerġgħu nirritornawhulu. Aħna napprezzaw dan il-ġest mill-qalb.

Proġetti u ħidma li ma taqta' xejn

Ħidma fuq il-faċċata tal-każin

* xogħol kbir ta' restawr tal-faċċata tal-każin
* tikħil tal-parti l-ġdida tal-faċċata
* tkompliet l-iskultura tas-saljaturi tal-gallerija
* manutenzjoni tal-mixegħla tal-faċċata
* infurzar ta' wieħed mill-frontispizji
* skultura tal-frontispizju ddedikat lill-banda
* skultura ġdida fuq il-kolonni biswit il-bieb ta' Triq Sciortino
* restawr tal-ġebel immermer tal-faċċata l-qadima

Xogħol fil-kumpless tan-nar

Fil-kumpless *St.Philip's Fireworks Factory* tlesta l-bini tal-ħajt ta' madwar il-kmamar il-ġodda. Tlestew ukoll l-installazzjoni ta' l-elettriku, il-kisi u t-tibjid, l-aperturi u l-madum tal-kmamar il-ġodda li ttellgħu qabel il-festa.

Ix-xogħol kollu sar bla ħlas mill-grupp tan-nar u minn għadd ta' voluntiera oħra. Benefatturi oħra ħadmu bl-inġenji tagħhom jew offrew materjal b'xejn. ***GRAZZI***

Jitkompla l-proġett tal-Bar

Wara konsultazzjoni ma' professjonisti fil-qasam tad-disinn u tiżjin ta' ġewwa qed tinħadem l-armatura ta' wara l-bar. Se jsiru wkoll tliet xambrelli u vetrina. Ix-xogħol se jibda jinħadem minn benefattur kbir tas-soċjetà.

F'dawn l-aħħar ġimgħat l-attrezzatura tal-kċina tal-każin ġiet aġġornata ma' dak li jitolbu r-regoli ġodda ta' l-iġjene. Twaħħlet ukoll tinda b'estrattur u ċumnija.

Linfa ġdida...u Unika

Għal diversi xhur il-kumitat ġenerali ddiskuta kull proposta biex tinxtara linfa kbira għas-sala l-ġdida. Din ser tiżżanżan nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2005.

Bħalissa qed tiġi rrestawrata linfa antika Maltija, ta' stil magħruf bħala ta' l-ixkora, li nxtrat mingħand kollezzjonist espert f'dan il-qasam. B'hekk din is-sala se tkompli tiżżejjen bi stil tradizzjonali Malti.

Id-disinn ta' din il-linfa bi ħġieġ tal-kristall antik aktar minn 150 sena, sar fuq pariri ta' Dun Edgar Vella, filwaqt li s-Sur Lawrence Caruana sensel il-ħġieġ skond is-sengħa tradizzjonali. Il-linfa li hija wiesa 5 piedi u għolja 11-il pied tinsab iżżejjen is-sala l-ġdida tal-każin. Nirringrazzjaw lil dawk il-membri li kkontribwew għal dan il-proġett li l-ispiża tiegħu għadha mhux miġbura kollha. Min jixtieq jagħti xi kontribuzzjoni jkellem lis-Sur John Borg.

Tislima ...

*** Il-Każin Banda San Filep jisogħbih għat-telfa li ġarrab Ħaż-Żebbuġ meta l-kamra tan-nar tal-Każin ta' San Ġużepp u Banda De Rohan splodiet ftit jiem qabel il-festa ta' San Ġużepp. Is-Soċjetà tagħna ssellem lil Antoine Cilia, Charles Farrugia u Joe Zammit li taw ħajjithom lid-delizzju li tant ħabbew.**

Nhar is-7 ta'Lulju u fis-17 ta' Awissu 2005 il-Każin San Filep ħa sehem b'mod uffiċjali fiż-żewġ funerali ta' dawn il-vittmi. Bandisti soċi daqqew bla ħlas mal-Banda De Rohan, membri tal-Kamra tan-Nar "St. Philip Fireworks Factory" sellmu lil sħabhom b'ċapċip u tfiegħ ta' fjuri mill-gallerija tal-każin, filwaqt li l-Kumitat Ġenerali u sezzjonijiet oħra ipparteċipaw fil-quddies funebri u fil-kortej saċ-ċimiterji. L-Għaqda Banda San Filep tagħti l-kondoljanzi lill-qraba u lill-familji tagħhom.

Inħejju għall-Milied 2005

Wara s-suċċess kbir li nkiseb s-sena li għaddiet bil-wirja ***Nativitas*** organizzata mill-Kummissjoni Kultura, din is-sena l-Każin San Filep ħaseb minn ħafna qabel biex ikompli jkabbar din l-attività u joħloq ukoll inizjattivi ġodda oħra.

Din s-sena il-wirja tal-Milied se ssir bejn it-18 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar 2006. Se ssir ukoll kompetizzjoni tal-presepji żgħar. Għaddejja wkoll ħidma biex għas-snin li ġejjin jibda jintrama wkoll presepju kbir fil-każin *(nisperaw li din is-sena jkollna parti minnu eseħ)*. Fost l-attivitajiet oħra mħejjija hemm il-programm varjat **Rigal tal-Milied** għall-ftuħ tal-wirja u l-programm ta' daqq ta' għanjiet tal-Milied mill-Banda San Filep f'Misraħ San Filep li se jsir nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru bejn l-10.30a.m. u 12.00p.m. Fit-22 ta' Diċembru jkollna wkoll id-*Dinner Dance* annwali organizzat mill-kumitat tan-nisa, filwaqt li fit-28 ta' Diċembru 2005 isir il-*party* tal-Milied għat-tfal imtella' miż-żgħażagħ.

Kompetizzjoni tal-Milied Grotti u Presepji

Qed nippublikaw ir-regolamenti ġenerali tal-kompetizzjoni tal-presepji li se tkun imqasma fi tnejn. Aktar dettalji u formola tinkiseb mill-Każin. Il-presepji se jkunu ġġudikati minn ġurija esperta li tagħti 70% u t-30% se jkunu voti tal-pubbliku li jivvota waqt il-wirja.

*** KATEGORIJA GROTTA (TFAL sa 15-il sena)**

F'din il-kategorija wieħed għandu joħloq xena li skond l-immaġinazzjoni fiha twieled il-Bambin. Il-qies ma jistax jeċċedi 70 ċm fond u 60 ċm wisa' (jista' jkun iżgħar) u l-għoli se jitħalla fil-libertà tal-kompetitur. Inħeġġu li l-presepji jsiru mit-tfal.

*** PRESEPJI – GROTTA – PRESEPJU (ADULTI minn 16-il sena 'l fuq)**

F'din il-kategorija l-kompetitur hu mistenni li jibni grotta, għarix, kmajra, għorfa eċċ. Jista' wkoll jibni presepju sħiħ. L-istil jitħalla fil-libertà tal-kompetitur. Il-qies ma jistax jeċċedi 80 ċm fond u 120 ċm wisa' (jista' jkun iżgħar), l-għoli jitħalla fil-libertà tal-kompetitur. Presepji li jixegħlu għandu jkollhom magħhom plakka. Jista' jintuża kull materjal immaġinabbli. Użu ta' sagħtar mhux permess.

*** Kull min hu interessat jipparteciпa għandu jikkuntattja lil Philip Balzan (99838806) , Brian Bonnici (79270400) jew John Scerri (79691362) - jew jakkwista formola mill-bar tal-Każin u jirritornaha fil-*letter box* tal-każin sa mhux aktar tard mill-25 ta' Novembru 2005. Il-presepji għandhom jaslu l-Kazin sat-13 ta' Diċembru (nistgħu nipprovdulkom trasport).**

"Il-kliem iqanqal iżda l-eżempju jkaxkar" **- San Filep kien saċerdot li għallem b'għemilu tul ħajtu. In-nies ħabbitu u għadha tqimu sekli wara mewtu.**

TA' L-ISTILLA